# FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D; M.A. in Law

## Seduta ta' nhar il-Ħamis, 15 ta' Mejju, 2025

**Talba Nru: 327/2023MD**

**Warren Bianco (K.I. nru 49097M)**

**Vs**

**Executive Payroll Services Ltd (C-57101)**

## It-Tribunal,

Ra l-avviż fl-ismijiet premessi ppreżentat fl-14 ta' Settembru, 2023[1] permezz ta' liema l-attur talab sabiex is-soċjeta' konvenuta tiġi ordnata tħallas is-somma ta' elfejn, tminn mija, ħmistax-il ewro u tmienja u disgħin ċenteżimu (€2,815.98) rappreżentanti servizzi reżi ta' *driver* lil Malta Dockers Union fuq inkarigu tas-soċjeta' konvenuta; bl-ispejjeż u bl-imgħax.

Ra r-risposta ppreżentata fit-3 ta' Novembru, 2023[2] fejn is-soċjeta' konvenuta eċċepiet:

> *1. Illi kif ingħad, l-intimati qed jipprevalixxu ruħhom mid-dritt lilhom konċess skond il-liġi u qegħdin jagħmlu l-preżenti kontro-talba kontra s-socjeta' attrici għal kull interess li jista' jkollhom;*
>
> *2. Illi is-soċjeta' intimata ġew notifikati bit-talba promotur tal-kawża odjerna, u kontestwalment qegħdin jippreżentaw r-risposta tagħhom fir-rigward tal-istess u*

[1] A fol 1 et seq tal-proċess
[2] A fol 12 et seq tal-proċess

*hemm iddikjarat li kien ser jipprevalixxu ruħhom mill-fakulta' mogħtija lilhom skont il-liġi billi jippreżentaw l-kontro-talba odjerna;*

*3. Illi fit-talba tal-promotur intalbet is-somma ta' Eur 2,815.98 rappreżentanti din is-somma dovuta lir-rikorrent stante servizzi ta' driver resi lill-Malta Dockers Union fuq inkarigu[3] tas-soċjeta' intimata;*

*4. Illi mhuwiex minnu li s-soċjeta' intimata inkarigat lil attur jagħti servizzi lil 'Malta Dockers Union';*

*5. Illi m'huwiex minnu li is-soċjeta' intimata qatt ingaġġat lir-rikorrent joffri is-servizzi tiegħu lilha u li r-rikorrent qatt ma kien impjegat tagħha;*

*6. Illi, I-uniku rabta li hemm bejn ir-rikorrent u s-soċjeta' intimata hija tal-iproċessar tal-pagamanti f'isem il-Malta Dockers Union;*

*7. Illi, mingħajr preġudizzju tal-presuppost, kif ddikjarat mir-rikorrent huwa qed jiddikjara illi ġie imħallas għaliex huwa stess ppreżenta kopja taċ-ċekkijiet f'affidavit tiegħu, pero' f'ebda mument ma ppreżenta prova li dawn iċ-ċekkijiet mhumiex imsarrfin;*

*8. Illi s-soċjeta' intimata ma tistax tifhem kif kellhom jgħaddu aktar[4] minn ħames (5) snin sabiex jagħmel din it-talba;*

*9. Illi, mingħajr pregudizzju tal-presuppost, is-soċjeta' intimata tqajjem il-preskrizzjoni ta' dan l-allegat ħlas dovut ai termini tal-artikolu 2147(c) ta' Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*10. Illi, is-soċjeta' intimata ġiet irrekordjata mingħajr il-permess tad-direttur tagħha u dan huwa illegali u jikser il-liġijiet dwar il-protezzjoni tad-dejta;*

*11. Nonostante is-sueċċepit jibqa' l-fatt illi dawn ir-reġistrazzjonijiet preżentati mill-attur għandhom timbru tad-data tas-sitta (6) ta' Settembru 2022 (iġifieri madwar erbgħa snin wara li qed jintalbu dawn il-flejjes);*

*12. Illi, is-soċjeta intimata tiddikjara li ma għandha l-ebda rabta jew relazzjoni ta' xogħol jew servizz ma Eliza Schembri u għaldaqstant ix-xhieda tagħha ghanda titqies bħala xiehda fuq kliem ħaddieħor ai fini ta' l-artikolu 598 ta' Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*GHALDAQSTANT in vista ta' dak kollu hawn fuq premess, I-intimati umilment jissottomettu li dan I-Onorabbli Tribunal għandha tiċħad it-talba tal-attur, kif ukoll tiddikjara illi ma hemm l-ebda ħlas dovut mis-soċjeta' konvenuta lill-attur u dan bl-ispejjeż kontra tiegħu.*

[3] Sottolinear tas-sottoskritt
[4] Sottolinear tas-sottoskritt

Sema x-xhieda prodotta;

Ra l-affidavits ppreżentati mill-partijiet;

Ra d-dokumenti u l-provi li ġew esebiti in atti;

Ra l-atti kollha tal-kawża;

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

**Fatti fil-Qosor**

L-attur qed jitlob li s-soċjeta' konvenuta tħallas is-somma ta' elfejn, tminn mija, ħmistax-il ewro u tmienja u disgħin ċenteżimu (€2,815.98) rappreżentanti ħlasijiet ta' servizzi reżi ta' *driver* lil Malta Dockers Union liema ħlasijiet saru permezz ta' ċekkijiet mis-soċjeta' konvenuta u liema ċekkijiet ma ġewx imsarrfa. Is-soċjeta' konvenuta min-naħa tagħha *in linea* preliminari eċċepiet li l-azzjoni hija preskritta *ai termini* tal-artikolu 2147(ċ) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-mertu eċċepiet li ma huwiex minnu li s-soċjeta' konvenuta inkarigat lill-attur jagħti servizzi lil 'Malta' Dockers Union', lill-istess soċjeta konvenuta jew li qatt kien impjegat mal-istess soċjeta' konvenuta u l-unika rabta li kien hemm bejn l-attur u s-soċjeta' konvenuta hija limitatement dwar ipproċessar f'isem il-Malta Dockers Union u għalhekk it-talba tal-attur għanda tiġi miċħuda.

**Provi prodotti**

Ra l-affidavit ta' **Warren Bianco**[5] li permezz tiegħu ddikjara li hu kien jaħdem mal-Malta Dockers Union u kien imniżżel bħala *self-employed*. Kien sab tlett ċekkijiet[6] li flimkien jammontaw għas-somma ta' elfejn, tminn mija, u ħmistax-il ewro u tmienja u disgħin ċenteżimu (€2,815.98), li kien sabhom wara sentejn li kienu skadew u għalhekk kien kellem lis-soċjeta' konvenuta li tieħu ħsieb l-*accounts* rigward dan u kien qalilhom li kien tilifhom. Min-naħa tagħha qaltlu li kienet ser tkellem lil MFSA biex tirranġa mill-*audits*, sabiex tkun tista toħorġlu ċ-ċekkijiet mill-ġdid. Huwa ċempel lil George Debono kemm-il darba bħala sid tas-soċjeta' konvenuta, iżda ma weġibx. Hu kien iwieġeb biss meta kien iċempel b'numru privat jew juża numru ieħor, u dejjem kien jgħidlu li għadu ma għamel xejn fuq is-sitwazzjoni tiegħu. Kien iżid ukoll li hu ried min-nies u mill-MFSA biex jirranġa ċ-ċekkijiet. Mar fejn kien jaħdem u kellem lil President tal-Malta Dockers Union għaliex hu kien jieħu ħsieb ix-xogħol tagħhom u kien qallu li George Debono ried jirranġalu għaċ-ċekkijiet għax kienu qegħdin għandu u l-*accountant* kien tiegħu. L-aħħar li kellem lil George Debono beda jgħajjat u qallu biex ikellem

[5] A fol 6 tal-proċess
[6] A fol 8 tal-proċess

lill-avukat għaliex ma kienx ser itih il-flus u qatalu l-linja, fejn qal li jinstema ċar mil-*pen drive*[7] fejn ammetta li kellu jagħti l-flus u qallu li ser isib triq ħa jara kif ser itihomlu.

Fil-kontro-eżami[8] qal hu kien *self-employed* u jtuh ix-xogħol u jaħseb li kien hemm kuntratt mal-Malta Dockers Union. Ma jiftakarx jekk iffirmax xi karti. Beda jaħdem magħhom fis-sena 2000 meta kellu tmintax (18) jew dsatax (19)-il sena. Kien isuq it-trakkijiet bil-*containers* fit-terminal ġewwa l-Freeport. Fuq domanda jekk kellux kuntratt mas-soċjeta' konvenuta qal li jiftakar li kien kellmu iżda ma jiftakarx li kellu kuntratt imma kien qallu li biex ituh il-paga lilu jridu jkelmu u dan kien meta kien daħal jaħdem hemm. Fir-rigward taċ-ċekkijiet spjega li kienu waqawlu mid-djarju u kien kelmu meta sabhom. Il-Malta Dockers Union kienet il-kumpanija li kienet tgħaddilu x-xogħol u hu kien kellem lil President Ryan Fava tal-istess kumpanija dwar iċ-ċekkijiet fl-istess ġurnata li kellem lil George u dan kien f'Marzu 2021. Ikkonferma li it-telefonata ma George saret f'Settembru 2022 u dan skont li hemm fl-istess *pendrive*.

Fir-ri-eżami[9] qal li kienu jirċievu l-pagi kull ħmistax. Ix-xogħol kien jgħaddihulhom il-Malta Dockers Union u l-paga kienet toħroġ mingħand is-soċjeta' konvenuta. Sa dak iż-żmien il-paga kienet toħroġ permezz ta' ċekkijiet u wara għamluha li tidħol dirett il-bank.

Ra l-affidavit ta' **Eliza Schembri**[10] li permezz tiegħu ddikjarat li hija l-għarusa tal-attur. Spjegat li l-attur kien urieha ċ-ċekkijiet li hu kien sab u kienet preżenti wkoll waqt li l-attur kien qed ikellem lil George Debono fuq il-*mobile*, li huwa sid is-soċjeta' konvenuta. Dakinhar kienet kelmet lil George Debono fuq il-*mobile* u staqsietu jekk setax jagħti numru tat-telefon lill-attur fejn ikun jista jċempel sabiex jara jekk jistax jirranġa rigward iċ-ċekkijiet. Huwa kien irrifjuta li jagħtiha xi tip ta' numru ieħor bħala alternattiva u qalilha li n-numru tal-*auditing* ma setax jagħtihulha. Qalet li kull ma riedet numru ieħor fejn l-attur ikun jista jċempel għaliex George ma kienx qed iwieġeb il-*mobile*. Qalilha li biex jirranġa rigward iċ-ċekkijiet jrid min-nies u qalilha li ser jipprova jsib soluzzjoni. Fl-aħħar telefonata qalilha biex tmur għand l-avukat u mhux ser jagħti l-flus lill-attur.

Fil-kontro-eżami[11] spjegat li t-telefonata saret fi żmien il-COVID għaliex jċempel u dejjem jaqtalu jew ma jaqbdux u għalhekk kien għadda ħafna żmien. Fuq suġġeriment li l-USB stick hemm id-data ta' Settembru, 2022 qalet li jista jkun. Is-sena taċ-ċekkijiet kienet 2018 imma d-data ma tiftakarhiex eżatt. Iċ-ċekkijiet kienu jirrigwardjaw paga tax-xogħol. Hu kien impjegat mal-Malta Dockers Union. Ir-relazzjoni ta' George Debono u l-Executive Payroll Services mad-Dockers Union kien li jieħu ħsieb il-pagi.

Ra l-affidavit ta' **George Debono**[12] li permezz tiegħu ddikjara li hu rappreżentant u direttur ta' Executive Payroll Services Ltd (C57101). Hu kien jaħdem mal-kumpanija konvenuta li kellha kuntratt mal-Malta Dockers Union sa mis-sena 2012 fejn kien jieħdu ħsieb il-pagi tal-ħaddiema awżiljari tax-xatt. Il-ħaddiema awżiljari kienu jirreġistraw bħala *self-employed* u l-kumpanija tagħhom kienet tieħu ħsieb li tagħmel l-*accounts* tagħhom kif ukoll flimkien mar-

[7] A fol 9 tal-proċess
[8] A fol 21 et seq tal-proċess, kontro-eżami datat 12 ta' Marzu, 2024
[9] A fol 22 et seq tal-proċess
[10] A fol 7 tal-proċess
[11] A fol 19 et seq tal-proċess, kontro-eżami datat 12 ta' Marzu, 2024
[12] A fol 26 et seq tal-proċess

*roster keeper*, jaraw is-siegħat li dawn il-ħaddiema awżiljari kienu qegħdin jaħdmu kull ġimgħa. Imbagħad, kull ġimgħatejn, jagħmlu rikonċiljazzjoni, u skont rati determinati mill-Malta Dockers Union (MDU) huma kienu jippreparaw l-ammonti tas-servizzi reżi, jibgħatuhom għall-approvazzjoni tal-MDU, u wara jibgħatulhom l-flus tan-nies kollha. Minn dawn kienu joħorġu ċekkijiet lill-ħaddiema awżiljari, kif ukoll kienu jieħdu ħsieb li jħallsulhom il-bolol kull erbgħa xhur u t-taxxa tad-dħul. Lil Warren Bianco dejjem inħarġulu ċ-ċekkijiet u tħallas skont is-siegħat li ħadem. Kienu jagħmlu rikonċiljazzjoni, u flus żejda ma jkollhomx għaliex dawn ma humiex flushom iżda flus tal-MDU. Huma kienu jżommu biċċa żgħira kull ġimgħatejn tas-servizz tagħhom, u ovjament kellhom l-ispejjeż tagħhom, tal-lavranti u spejjeż normali tal-uffiċju. Fis-sena 2020 il-kuntratt tal-kumpanija mal-MDU ġie terminat ħesrem u peress li l-kumpanija ma kienetx tagħmel xogħol ieħor, allura waqqaf il-ħaddiema. Il-ħaddiema awżiljari kollha kienu jafu b'dan il-fatt u saħansitra kien jiltaqa' magħhom sabiex itihom id-dokumenti tagħhom sabiex ikunu jistgħu jirrikorru għand min ħa l-kuntratt warajh. Milli jiftakar, dejjem mexa bis-sewwa u ħallas lil kulhadd tant li anke llum minkejja li rtira mix-xatt, in-nies baqgħu jġibulu rispett. Ma kellu l-ebda inkarigu dirett ma' Warren Bianco imma kien qisu kkunsidrat aġent tal-MDU għaliex kien jieħu struzzjonijiet mingħandhom u mhux mingħand il-ħaddiema awżiljari. Kull meta kien ikun hemm problema fuq xi ċekkijiet bħal żball ta' kitba, kien joħroġ ieħor jew jirranġahom. Jiftakar ukoll li kienu dejjem jirrakkomandaw li flok ċekkijiet jgħaddulom il-flus fil-kont bankarju tagħhom, minħabba li ċekkijiet jibqgħu validi biss għal sitt (6) xhur. Warren Bianco mar għandu wara li kien għalaq in-negozju, irrikonċilja l-flus kollha u ħallas lil kulhadd, u ma kellu l-ebda flus żejda tiegħu. Meta kelmu l-attur qatt ma tah fiżikament lura iċ-ċekkijiet oriġinali.

Fil-kontro-eżami[13] meta ġie muri kopja taċ-ċekkijiet qal li bħalhom kienu joħorġu mijiet fl-irwol li kellhom. Ma jafx x'sar minnhom dawk iċ-ċekkijiet għaliex huma kienu joħorġu mijiet b'ġimgħatejn b'lura. Kellhom parti min-nies kienu jitħallsu b'ċekk filwaqt li oħrajn kienu jitħallsu b'transazzjoni mill-bank. Kienu jagħmlu rikonċiljazzjoni li kienet issir biex jaraw li l-*invoices* jaqblu mal-flus li kienu jgħaddulhom biex iħallsu l-pagi. Hu ma kienx jara min mar isarraf iċ-ċekkijiet. Kull individwu li jirċievi ċekk għandu sa sitt (6) xhur biex isarrfu. Irranġaw diversi. Meta marru nies għax intilfilhom iċ-ċekk kienu jagħmlu *stop payment* u jipproċessaw ċekk ġdid. L-attur informah wara sentejn u apparti li kumpanija ma kienetx għadha tieħu ħsieb il-ħlasijiet kien qallu mill-ewwel li ma kienetx xi ħaġa li kien ser itihilu hu. Kull sena l-kumpanija kienet tagħmel l-*accounts* u l-*auditing*. Hu kien idderigieh biex ikellem lill-awditur għaliex hu ried ikellem lil MFSA u dan għaliex biex iċaqlaq id-dokumenti ma kienx ser joħroġ il-flus minn butu. Fl-aħħar tas-sena mil-flus li kien jibqa kien imexxihom għal Jannar u ċioe' għas-sena ta' wara u ma kienx isaqsi lill-awditur il-bilanċ li jifdal x'kien. Lill-attur kien spjegalu din il-proċedura u kien infurmat li kien hemm xi spejjeż x'jiġu nkorsi. Imbagħad waqaf kollox. Il-kumpanija ilha mis-sena 2020 fil-proċess li tingħalaq.

**Konsiderazzjonijiet**

[13] A fol 30 et seq tal-proċess

L-azzjoni odjerna tittrata dwar ħlas permezz ta' ċekkijiet senjatament datati l-10 ta' Awissu, 2018, l-24 ta' Awissu, 2018 u 7 ta' Settembru, 2018[14] li saru mis-soċjeta' konvenuta lil attur, liema ċekkijiet ma ġewx imsarrfa mill-attur u għalhekk qed jitlob li jiġu rifużi.

Is-soċjeta' konvenuta *in linea* preliminari eċċepiet il-preskrizzjoni ta' dan l-allegat ħlas dovut *ai termini* tal-Artikolu 2147(c) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għalhekk it-Tribunal ser jgħaddi sabiex jiddeċiedi din l-eċċezzjoni preliminari.

L-Artikolu 2147(c) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi:

> *L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sena:*
>
> *...*
>
> *(ċ) l-azzjonijiet tas-sefturi jew persuni oħra mħallsin bix-xahar, tal-artiġjani jew tal-ħaddiema bil-ġurnata, għall-ħlas tal-ġranet tal-pagi, tas-salarji, jew tal-fornituri li jkollhom jieħdu;*

L-Artikolu 2137 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi:

> *Bla ħsara ta' dispożizzjonijiet oħra tal-liġi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata; mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss.*

Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet Korporazzjoni għas-**Servizzi ta' l-Ilma vs Oil and Construction International Limited**[15] fejn ġie ritenut illi:

> *"In linea ġenerali, huwa dottrinalment riċevut illi l-preskrizzjoni hi definita bħala mod ta' estinzjoni ta' dritt fejn il-fondament tagħha hu rikondott ghar-rinunzja taċita da parti tat-titular tad-dritt. Abbinat ma' din it-tifsira jingħad ukoll illi l-esiġenza ta' preskrizzjoni hi dik li tiġi assigurata iċ-ċertezza tar-rapporti guridiċi…."*

Fil-każ in diżamina jirriżulta li l-attur kien jaħdem mal-Malta Dockers Union, bħala *self-employed*, fejn is-soċjeta' konvenuta kienet ikkuntratta mill-Malta Dockers Union sabiex toħroġ il-ħlasijiet ta' pagi. Mix-xhieda tal-attur jirriżulta illi huwa kien tħallas mis-soċjeta konvenuta bi tlett ċekkijiet fl-ammont globali elfejn, tminn mija, u ħmistax-il ewro u tmienja u disgħin ċenteżimu (€2,815.98) datati l-10 ta' Awissu, 2018, l-24 ta' Awissu, 2018 u 7 ta' Settembru, 2018[16] liema ċekkijiet kien sabhom wara sentejn li kienu skadew u kien kellem lis-soċjeta' konvenuta li kienet ħarġet l-istess ċekkijiet dwar dan u kien qalilha li tilifhom. Jirriżulta li meta l-attur kien kellem lil George Debono bħala direttur tas-soċjeta' konvenuta biex jinfurmah b'dan l-istess Debono kien qallu li kien ser jara kif jista' jirranġalu sabiex joħroġ l-istess ħlas iżda *stante* li l-kumpanija kienet qed tiġi xolta kien ser jistaqsi lill-*accountant* li

[14] A fol 8 tal-proċess

[15] Appell Ċivili Numru: 942/2001/1, deċiż 28 ta' April, 2004

[16] A fol 8 tal-proċess

min-naħa tiegħu kellu anke jiċċekja mal-MFSA u dan peress li kien għadda ħafna żmien u d-dokumenti tas-sena 2018 kienu ilhom li ġew mdaħħla u magħluqa.

Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **John Borg vs Christian Galea**[17] liema fattispeċi ta' din il-kawża huma simili, fejn it-Tribunal diversament presjedut qal:

> *It-Tribunal huwa tal-fehma illi l-attur wera traskuraġni meta c-cheque tal-ħlas ġie misplaced. Kien traskurat ukoll meta ma ndunax mal-ewwel illi dawk iż-żewġ barbecues baqgħu mhux imħallsa. Sistema ta' accountancy professjonali kienet mal-ewwel tindika dan in-nuqqas fejn allura l-attur kien ikun f'posizzjoni illi jieħu azzjoni mal-ewwel. F'dan il-każ, ma għamel xejn u kien biss wara li skada t-terminu preskrittiv imqajjem mill-konvenut li l-attur għamel xi haga. Dana kien tard wisq għall-finijiet tal-ligi u l-eċċezzjoni tal-konvenut tistħoqq li tkun milqugħa.*

It-Tribunal jaqbel mal-insenjament hawn fuq ċitat. L-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet mressqa minnu[18] jirrileva illi hemm rikonoxximent tad-debitu min-naħa tas-soċjeta' konvenuta u b'hekk ġiet interrotta l-preskrizzjoni. It-Tribunal ma jaqbilx ma dan l-argument u dan għaliex jirriżulta li min-naħa tas-soċjeta' konvenuta sar il-ħlas lill-attur tant li ċ-ċekkijiet tħallsu fil-ħin u kien l-attur stess illi ma sarrafx dawn iċ-ċekkijiet. Mir-*recording* jirriżulta ċar illi George Debono qallu "*Ġja għidtlek jien mhux għax jien ċaħħadtek minnhom għax kieku kieku kien ikolli kull dritt ngħidlek isma s-sitt (6) xhur għaddew u m'għandiex x'naqsam magħha. Jien ma tkellimtx miegħek hekk. Jien għidtlek ħa nara kif ħa nagħmel pero' ma nistax infotti dokument tal-kumpanija li nagħmel xi ħaġa minn jeddi li nkun qed nagħmel pudina. Nitfa' mażra ma għonqi*" kif ukoll "*jien għidtlek ħa nsib triq, ħa nara kif ħa nġibhomlok*", u "*pruvajt minn day one*". Il-kliem ta' George Debono ċertament ma kienx aċċettazzjoni ta' debitu iżda kien qed jipprova jara kif jista jgħinu meta kien l-attur innifsu li ma kienx sarraf l-istess ċekkijiet. Inoltre huwa spjegalu wkoll illi kien għadda ż-żmien kif ukoll illi l-kumpanija kienet qiegħda fil-proċess li tingħalaq.

Jirriżulta li l-proċeduri odjerni ġew imressqa fl-14 ta' Settembru, 2023 u għalhekk kemm oltre s-sena minn mindu inħarġu l-istess ċekkijiet f'ismu u kemm oltre is-sena minn meta induna li ċ-ċekkijiet ma ssarfux.

Għaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' din l-eċċezzjoni preliminari.

**Decide**

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi din il-vertenza billi jilqa' l-eċċezzjoni preliminari, u ċioe' illi l-azzjoni hija preskritta *ai termini* tal-Artikolu 2147(ċ) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li jastjeni li jieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet tal-atturi u l-eċċezzjonijiet rimanenti tas-soċjeta' konvenuta.

---

[17] Kawża Numru: 37/2017MS, deċiża fid-9 ta' Novembru, 2018
[18] A fol 49 et seq tal-proċess

L-ispejjeż ta' din il-vertenza titħallas unikament mill-attur.

**Avukat Dr. Marouska Debono LL.D. M.A. in Law**

**Ġudikatur**